MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Numru. 1231/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**CHRISTINE SPITERI**
**CHARMAINE VELLA**
**u**
**MAURIZIO MASSIMILIANO**

**Illum 19 ta' Novembru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li **CHRISTINE SPITERI** ta' hamsa w erbghin sena, bint Carmel Pace u Josephine nee' Bryan, imwielda Sliema nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Frar, 1965 u residenti

gewwa ‘Dorvic Flats’, Flat no. 3, Triq San Vincenz, Sliema, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 238665(M), **CHARMAINE VELLA** ta’ disgha w tletin sena, bint Charles Vella u Lorraine Margaret nee’ Lymbery, mwielda Paddington New South Wales, Austraila, nhar it-tmintax ta’ Novembru, 1971 u residenti gewwa Blokk no. 4, Flat no. 5, Triq il-Mithna, Zebbug, Malta, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 525290M u **MAURIZIO MASSIMILIANO** ta’ hamsa w erbghin sena, bin Giovanni u Luigia nee’ Delli Coll, imwieled l-Italja nhar it-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru, 1964 u residenti gewwa ‘Dorvic Flats’, Flat no. 5, Triq San Vincenz, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 11464(A), gew imressqa quddiemha akkuzati talli f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’:

Talli nhar l-erbatax ta’ Novembru, 2010 ghall-habta ta’ nofsinhar, waqt li kienu fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommettew serq ta’ handbag minn fuq il-persuna ta’ Nickel Geb Grob, liema handbag kien fih flus kontanti, oggetti tad-deheb, u oggetti ohra b’valur totali ta’ elf disa’ mija w hmistax-il Ewro (€1915), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika w bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmija Nickel Geb Grob u/jew persuni ohra;

Talli nhar l-erbatax ta’ Novembru, 2010 ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (1.00p.m.), waqt li kienu fi Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, kkommettew serq ta’ handbag minn fuq il-persuna ta’ Sheila Brincat, persuna ta’ aktar minn sittin sena, liema handbag kien fih flus kontanti, w oggetti ohra b’valur totali ta’ erbgha mija w tlieta w tmenin Ewro (€483), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika w bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmija Sheila Brincat u/jew persuni ohra;

Talli nhar it-tlettax ta’ Novembru, 2010 ghall-habta tal-erbgha neqsin ghaxra ta’ wara nofsinhar, waqt li kienu fit

Triq Sant' Antnin, Imsida, kkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Monica Spiteri, liema handbag kien fih flus kontanti, u oggetti ohra valur totali ta' aktar minn mitt Ewro (€100) izda inqas minn l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Monica Spiteri u/jew persuni ohra;

Talli nhar it-tnax ta' Novembru 2010 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, waqt li kienu fi Triq il-Marfa, Mellieha, kkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Ursula Hildegard, persuna ta' aktar minn sittin sena, liema handbag kien fih flus kontanti u oggetti ohra valur ta' aktar minn mitt Ewro (€100) izda inqas minn l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Ursula Hildegard u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar il-hmistax ta' Novembru 2010 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, waqt li kienu fi Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Maria Stella Bayliss, persuna ta' aktar minn sittin sena, liema handbag kien fih tmenin Ewro (€80) fi flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Maria Stella Bayliss u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** wahedha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-imsemmija Maria Stella Bayliss, u cioe' kkagunatilha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. E. Scerri M.D. Reg. No. 1686 tal-Floriana Health Centre;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar il-hmistax ta' Novembru, 2010 f'xi hin wara t-tmienja ta' filghaxija, waqt li kienu fi Triq in-Naxxar, B'Kara, kkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Maria Chetcuti, persuna ta' aktar minn sittin sena, liema handbag kien fih ghoxrin Ewro (€20) fi flus kontanti,

u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza w bil-hin, u dan sar ghad-dannu tal-imsemmija Maria Chetcuti u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** wahedha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-imsemmija Maria Chetcuti u cioe' kkagunatilha feriti ta' natura hafifa, hekk kif iccertifika Dott. C. Zerafa M.D. ta' l-Isptar Mater Dei.

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar il-hmistax ta' Novembru 2010 f'xi hin wara t-tmienja ta' filghaxija, waqt li kienu fi Triq il-Kbira, Balzan, ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Mary Enrichetta Lautier, persuna ta' aktar minn sittin sena, liema handbag kien fih mitt Ewro (€100) fi flus kontanti, u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza w bil-hin, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Mary Enrichetta Lautier u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** wahedha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-imsemmija Mary Enrichetta Lautier, u cioe' kkagunatilha feriti ta' natura hafifa;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar is-sitta ta' Novembru 2010, ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija, waqt li kienu fi Triq San Guzepp, Santa Venera, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Maria Anna Briffa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom, u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Maria Anna Briffa u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** wahedha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-imsemmija Maria Anna Briffa u cioe'

kkagunatilha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dott. Cassar M.D. Reg. No. 1722;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar l-ghaxra ta' Novembru, 2010 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, waqt li kienu Ta' Xbiex Gardens, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Rosalie Vella Tomlin, liema handbag kien fih mija w sebghin Ewro (€170) fi flus kontanti, u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Rosalie Vella Tomlin u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar il-hmistax ta' Novembru 2010 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl, waqt li kienu fi Triq ix-Xatt, Gzira, kkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Lucy Jane Evans, liema handbag kien fih flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Lucy Jane Evans u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar is-sittax ta' Novembru, 2010 ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija waqt li kienu fi Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Angelina Therese Mattson, liema delitt ma giex esegwit minhabb xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin u bil-vjolenza, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Angelina Therese Mattson u/jew persuni ohra;

Lil **CHRISTINE SPITERI** wahedha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja

ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-imsemmija Angelina Therse Mattson u cioe' kkagunatilha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dott. Alex Portelli M.D.ta' St. James Hospital;

Lil **CHRISTINE SPITERI** u **CHARMAINE VELLA** wahedhom talli nhar is-sittax ta' Novembru, 2010 ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl, waqt li kienu fi Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, kkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Maria Camilleri, liema handbag kien fih flus kontanti, u oggetti ohra valur totali ta' aktar minn mitt Ewro izda inqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-vjolenza u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Maria Camilleri u/jew persuni ohra;

Lil **CHARMAINE VELLA** wahedha talli nhar is-sittax t'Ottubru, 2010 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, waqt li kienet gewwa l-hanut 'Best Vintage' li jinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li taghmel delitt, u cioe' serq ta' pakkett tabakk valur ta' hamsa w sittin Ewro (€65) minn gewwa l-imsemmi hanut, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghha u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin, u dan sar ghad-dannu ta' Mariana Portelli u/jew persuni ohra;

Lil **CHARMAINE VELLA** wahedha talli nhar is-sbatax ta' Novembru, 2010 waqt li kienet qeghda tigi arrestata mir-residenza taghha, cioe' mill-fond Blokk 4, Flat No. 5, Triq il-Mithna, Zebbug, malta, kif ukoll meta kienet qed tigi eskortata lejn il-Kwartieri Generali tal-Floriana, insultat u ngurjat ghal diversi drabi lil PC 751 Joseph Borg, kif ukoll fixklitu fil-qadi ta' dmirijietu.

U aktar talli perjodu w cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Edwina Grima LL.D. nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2010, f'dan li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest, fost kondizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qorti, u dan taht garanzija personali ta' hamest elef Ewro

(€5000), u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija **CHARMAINE VELLA** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija **CHARMAINE VELLA** kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija titratta ma' **CHARMAINE VELLA u MAURIZIO MASSIMILIANO** bhala li saru recedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' tliet Fedini Fenali, Estratt tat-Twelid ta' Charmaine Vella u Christine Spiteri u kopja mahruga mis-Central Database dwar l-Identifikazzjoni ta' Maurizio Massimiliano.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tad-dstax ta' Novembru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tagghom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha, w fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax ta' Novembru 2010, u dana fil-prezenza tal-avukati difensuri taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputati kkollaboraw maghha tul l-investigazzjoni w li inoltre parti mir-resfurtiva

giet ritornata. Il-Prosekuzzjoni rrilevat ukoll li l-feriti subiti minn terzi kienu ta' portata zghira.

Illi wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, partikolarment l-**Artikoli 18, 95, 221 (3), 261 (a) (c) (f), 267, 271, 277, 179 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddikajra li qed issib lill-imputati **CHRISTINE SPITERI, CHARMAINE VELLA u MAURIZIO MASSIMILIANO hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni u tikkundanna lil CHRISTINE SPITERI ghal perjodu ta' sentejn prigunerija effettiva u lil CHARMAINE VELLA u MAURIZIO MASSIMILIANO ghal perjodu ta' sentejn u tlett xhur prigunerija effettiva.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija **CHARMAINE VELLA** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija **CHARMAINE VELLA,** kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha w tordna li din it-talba tigi ndirizzata lil dik il-Qorti li qed tisma' l-kaz taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------